**Laqgħa Numru 28**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**12 t'Awwissu 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.41 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**28.1.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

28.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 27 li saret nhar il-Ħamis 1 ta' Lulju 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

**28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.3.1 Is-Sindku stieden lil Ellie Cutajar biex tindirizza lis-sedja. Hija preżentat l-ktieb ġdid tagħha "Troublesome Rick" li kienet għadha kemm ippublikat lill-Kunsill. Il-Kunsill waqt li awguri li din it-tfajla għal din il-publikazzjoni ħeġġiġha biex tkompli tikteb.

28.3.2 B'referenza għall-iscreen tal-pjazza, is-Sindku spjega li wara li kien mar tal-aluminium dan kien infurmah li dan il-frame ma jistax isir tal-aluminium peress li dan ma jiġix pulit. Is-Sindku ssuġġeriexxa li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-framing tal-istainless steel kif kien maħsub oriġinarjament. Il-Kunsill qabel ma' dan.

28.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li kellu laqgħa mad-Direttur tal-Kultura, is-Sur John Xuereb fejn kienu ddiskuttew inizjattiva ġdida fejn kienet ser tibda titella' esebizzjoni virtwali ta' kull xahar fil-lokalitajiet Għawdxin permezz ta' screen fuq snajja' u tradizzjoni. L-iscreen jintrema għal xahar sħiħ u jiġi preżentat materjal relatat mal-lokalita'. Dan il-materjal għandu jiġi vverifat min-naħa tal-Kunsill biex wieħed jaċċertaw li hu korett. Il-membri tal-Kunsill qablu li hi inizjattiva nteressanit li tista' tagħti għarfien lill-pubbliku inġenerali.

28.3.4 Is-Sindku spjega li l-Ministeru t'Għawdex kien laqa' t-talba tal-Kunsill biex b'hekk l-uffiċjal ta' Transport Malta li kien qed jassisti fil-pjazza fi tmiem il-ġimgħa jiġi ffinanzjat mill-Ministeru stess.

28.3.5 B'referenza għax-xogħol ta' pavimentar f'Tal-Ħamrija u f'Tal-Barmil, is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kien ġie ffirmati il-kuntratt bejn il-Ministeru t'Għawdex u l-kuntrattur. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard uriet ix-xewqa li tara l-pjanti ffinalizzati anke peress li l-Kunsill kien għadda numru ta' suġġerimenti. Is-Sindku spjega li d-dwal fejn San Ġwann se jkun qed jinqalgħu u ssuġġerriexxa li dawn jintużaw għall-belvedere tal-Barmil. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġerimen. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li filkaż tal-Barmil ikun għaqli li jisr ġibjun li minnu imbagħad ikunu jistgħu jissaqqew il-pjanti u s-siġar li hemm fin-naħa ta' wara tal-belvedere. Is-Sindku spjega li setgħet tinħoloq sistema ta' pipes u drip system min-new water system stess. Il-Kunsillier Zerafa spjega li xorta jkollok bżonn ta' reservoir għal din is-sistema. Il-membri tal-Kunsill qabel li nitkellmu mal-Perit Micallef biex dan il-proġett jiġi nkorporat mal-proġett tal-bankini tal-Barmil.

28.3.6 Is-Sindku spjega li taħt l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' il-Kunsill kien se jkun qed igawdi minn



mg

€15,274.50 li jistgħu jintuża fuq aċċessorji biex jiffaċiltaw aktar spazji miftuħa għall-pubbliku mingħarj traffiku bħal bollards, etċ.

28.3.7 Is-Sindku rrefera għal Triq Il-Ħelsien li jkun għaqli li tiġi one-way waqt li tkun magħluqa l-pjazza.

28.3.8 Is-Sindku spjega li l-istimi kemm ta' Triq il-Ħelsien u anke Triq San Pupulju kienu għaddew direttament lill-Ministru. Il-Perit kien qed jaħdem fuq Triq Torro Gorġun.

28.3.9 B'referenza għas-sitwazzjoni li nħolqot minħabba li l-kuntrattur kien qed jirrifjuta li jiġbor il-kartun fil-kollezzjoni tar-riċkaġġ, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għaddejjin diskussjonijiet min-naħa tar-reġjun u Greenpak biex is-sitwazzjoni terġa' lura għan-normal minnufih. Il-Kunsill idiskutta kemm inħoloq inkonvenjent għar-residenti u kemm akkumula skart ta' kartun mar-raħal. Is-Segretarju ħadet nota ta' postijiet fejn kien baqa' l-iskart biex ikun jista' jinġabar b'mod immedjata mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill. Qamet diskussjoni fuq il-ħaddiema allokati mal-Kunsill b'mod partikolari għall-ħaddiem taħt l-iskema tas-CIES għall-mod kif dan jirrifjuta li jagħmel ċertu xogħol mqabbad.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

28.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni rigward il-website tal-Kunsill li mhux qed taħdem sew. Il-Kunsill qabel li jekk ma tistax tittranġa għandha tingħalaq u ssir website mill-ġdid.

28.4.2 Il-Kunsillier Johnny Vella ġibdet l-attenzjoni li kellmuh residenti minħabba li s-servizz tal-karozzi tal-linja hekk kif inħolqot problema minħabba li kienet qed tingħalaq il-pjazza fit-tmiem il-ġimgħa. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew waqt li kien hemm qbil li wieħed għandu jiċċekja jekk hux possibli li tal-linja titla' Triq Torri Tingi u tinżel minn Triq Sant' Elija.

28.4.3 Il-Kunsillier Johnny Vella staqsa meta kien ser jibda l-proġett tal-playingfield tal-Barmil. Is-Sindku spjega li l-Perit Micallef kien ssotometta l-applikazzjonijiet neċessarji mal-Planning Authority.

28.4.4 Il-Viċi Sindku talab li l-culverts jkunu mnaddfin qabel ma tagħmel l-ewwel xita. Is-Sindku spjega li diġa' kienet saret il-lista u nbagħtet lill-kuntrattur tal-knis li kien responsabli li jara li dawn jiġu mnaddfa ukoll.

28.4.5 Il-Viċi Sindku spjega li kellu talba għall-sleeping police fejn tal-JCR fi Triq Ta' Gruwa. Il-kunsill iddiskutta li tkun ħaġa tajba li jsir traffic management konġut mal- Kunsill ta' Sannat.

28.4.6 Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat korrispondenza lill-Inġinier Charles Camilleri fi ħdan il-WSC minħabba inspuction li niżlet fi Triq Il-Mawala u li għandha bżonn isir patching b'mod immedjat. Il-Viċi Sindku spjega li hemm numru ta' toroq fejn it-trenching ma sarx kif suppost fosthom fi Triq L-Indipendenza, Triq Il-Ħamsin u Triq Il-Ħamrija.

28.4.7 Il-Viċi Sindku staqsa rigward il-cameras tal-pjazza anke wara li hu stess xeba' jara



mu

HB

trakkijiet jgħaddu mill-pjazza għal xejn b'xejn. Is-Sindku spjega li kien ser isir site-meeting mas-supplier tal-cameras li se jkun qed jinstalla l-cameras f'Ta' Blankas.

28.4.8 Il-Viċi Sindku għamel referenza għar-riħa ta' drenaġġ li jkun hemm fil-pjazza. Il-Kunsill iddiskutta li s-Segretarju kellha tibgħat imejl lill-WSC titlob biex li tad-drenaġġ jieħdu azzjoni fuq din il-problema.

28.4.9 Il-Kunsill Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq L-Indipendenza. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li għandha ssir laqgħa ma-Sur Steven Mallia mil-Lesa biex jiġi diskussi dawn is-sinjali qabel ma jitneħħew.

28.4.10 B'referenza għall-festa tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Kunsilliera Jeanelle Attard uriet ir-rikonoxximent li kenet qed tipproponi li jingħataw lit-tfal u żgħażagħ li kienu ser jipparteċipaw fl-inizjattiva mtella' mill-Kunsill. Il-Kunsillera Attard ssuġġerriet li titella' serata tal-għana bħal ma kien isir qabel il-Covid. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li barra għannejja jkun hemm ir-rebbieħ tal-Malta Got Talent. Kien hemm qbil li din is-serata għandha titella' f'Masġar Blankas u li jitteħdu l-miżuri kollha neċessarji minħabba l-Covid.

28.4.11 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jsir riċeviment żgħir fejn jingħataw ċertifikati u jintwera ukoll xi xogħol tal-istudenit li ppparteċipaw fil-korsijiet li ġew offruti tul ix-xhur sajfin. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

28.4.12 Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet li jerġa' jittella' l-post fuq il-Facebook għal dawk interessati fit-transport tal-iskola. Il-Kunsill idiskutta ukoll li kellhom jinġabru l-kwotazzjonijiet minnufih.

28.4.13 Il-Kunsillera Jeanelle Attard għamlet referenza għall-publikazzjoni tal-ktieb fuq ix-Xewkija li l-Kunsill kien beda jidiskutti s-sena li għaddiet. Il-Kunsill qabel li għandu jinħatar sotto-kumitat u li fuq dan is-sotto-kumitat ikun hemm is-Sur Mario Borg, is-Sinjura Maria Mercieca, Anthony Grech u Mario Xerri. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ipproponiet li din il-publikazzjoni għandha tkun kemm bil-Malti u anke bl-Ingliż.

28.4.14 Il-Viċi Sindku talab biex il-Kunsill jiċċekja mal-Lands rigward l-art fin-nofs fi Trejqet Il-Barrieri. Il-Viċi Sindku spjega li hemmhekk kien ġie imwiegħed recreational park fil-passat. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

## 28.5 Triq Santa Eliżabetta

28.5.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li wara li kien tkellem mal-Inġinier tal-WSC dan kien spjegalu li idejalment dan il-kont jiġi ċċertifikat ukoll min-naħa tal-esperti min-naħa tagħhom. Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill għandu jistenna din iċ-ċertifikazzjoni qabel ma jgħaddi dan il-pagament. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.



mu

**28.6 Rapport tal-Evalwazzjoni: Tender Miżura 4.4- Ta' Bordin u Tal-Misraħ ta' Brieghen**

**Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl**

28.6.1 **Tender Miżura 4.4- Ta' Bordin u Tal-Misraħ ta' Brieghen** Ir-rapport tal-evalwazzjoni ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill. Dan ġie approvat unanimament.

28.6.2 **Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl** Ir-rapport tal-evalwazzjoni ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-Kunsill laqa' ssuġġerimenti tal-Bord tal-evalwazzjoni u għaldaqstant dan ġie approvat unanimament.

**28.7 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni – Play Equipment Playingfiel Ħamrija**

28.7.1 Is-Sindku nforma lis-sedja li s-sejħa għall-offerti kienet għadha ma ħarġitx hekk kif il-Perit kien għadu ma ffinalizzax l-ispecifications neċessarji. Għaldaqstant dan il-bord ma nħatarx.

**28.8 Korrispondenza u Ilmenti**

28.8.1 Ċirkulari AKL 2021/064 – 'Availability of the vaccine to the asylum seekers and third country nationals.'

28.8.2 Ċirkulari AKL 2021/063 – Sapport għall-individwi bi bżonnijiet speċjali – 'Mentor Aid Session' – l-Erbgħa 14 ta' Lulju 2021.

28.8.3 Imejl mingħand PC Sammut dwar laqgħa mas-Super Mr J. Hersey għat-28 jew it-30 ta' Lulju 2021.

28.8. 4 Ċirkulari AKL 2021/043 – Webinar – 'Innovative Localities: A place to bring ideas to life.'

28.8.5 Ċirkulari AKL 2021/065 – Webinar – 'European Mobility Week'. Kopja tal-preżentazzjoni li saret waqt il-webinar organizzat minn TM rigward l-European Mobility Week 2021.

28.8.6 Imejl minn Reġjun Għawdex għall-preżentazzjoni ta' kotba l-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021.

28.8.7 Ċirkulari AKL 2021/066 – Stedina mibgħuta minn SEM għall-Webinar li ser isir fl-20 ta' Lulju 2021.

28.8.8 Imejl mingħand is-Sur Karl Mifsud b'informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-korsijiet tal-Lifelong Learning 2021-2022.

28.8.9 Imejl mingħand is-Sa Annamaria Baldacchino b'suġġeriment mill-ġdid biex iż-żona ta' bejn Triq Majmuna u Trejqet il-Barrieri tinbidel f'żona miftuħa.

28.8.10 Ċirkulari AKL 2021/067 – Stedina għal seminar onlajn dwar is-sehem tan-nisa fil-Gvern Lokali fit-28 u d-29 ta' Lulju 2021.

28.8.11 Ċirkulari AKL 2021/068 – Stedina għal-BBQ annwali tas-Sajf organizzat mill-



mc

48

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

28.8.12 Imejl mingħand is-Sa Claire Callus mill-Gvern Lokali dwar Kompetizzjoni tat-tpinġija – Kwalita tal-Ħajja.

28.8.13 Imejl mingħand il-President tar-Reġjun Għawdex bl-ittra għall-ħatra Gozo Capital for Culture 2031 Foundation. L-ittra ssemmi l-fondazzjoni li twaqqfet bl-isem ta' Citta Victoria.

28.8.14 Imejl mingħand is-Sur Mario Fava, President tal-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali, dwar il-ħatra tal-Gozo Capital for Culture 2031 Foundation.

28.8.15 Imejl mingħand is-Sur Jason Micallef, chairman tal-Valletta Cultural Agency, dwar il-ħatra Gozo Capital for Culture 2031 Foundation.

28.8.16 Ċirkulari AKL 2021/069 – EMW – Small Activities Competition. Korrispondenza mibgħuta minn TM rigward l-applikazzjonijiet relatati mal-European Mobility Week – Small Activities Competition.

28.8.17 Imejl mingħand is-Sur Fabian Galea, b'invit għal Blue Heart Campaign – UN – Jum Dinji għal kontra t-traffikar ta' persuni – 30 ta' Lulju 2021.

28.8.18 Ċirkulari AKL 2021/070 – Kwestjonarju – Proġett Compose +. Proġett li jgħin sabiex il-Kunsilli Lokali u Reġjonali jagħtu kontribut għall-kontroll fil-klima.

28.8.19 Ċirkulari AKL 2021/071 – Teambuilding – Attivita ta' teambulding il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2021.

28.8.20 Imejl mingħand il-Kunsilliera, s-Sa Jeanelle Attard dwar l-attivita Scavenger Hunt madwar ix-Xewkija fl-okkażjoni tal-Festa tal-martirju ta' San Ġwann Battista.

28.8.21 Ċirkulari AKL 2021/072 – Stqarrija mill-AKL – Ħlas mir-residenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

28.8.22 Imejl mingħand is-Sa Ann Williams dwar l-istat tat-Triq tal-Ħorob u l-madwar, fejn semma problemi bħal vetturi kbar, karozzi abbandunati, roti tal-karozzi, żibel etc.

28.8.23 Invit għall-Webinar ta' Konsultazzjoni rigward ir-riforma fil-politika għall-gvern lokali.

28.8.24 Imejl mingħand is-Sur Fabian Galea, Senior Principal tal-EU and International Affairs Unit dwar gwida għal 1st Life Call for Proposals.

28.8.25 Imejl dwar fond ġdid bl-isem ta' Bellus Fund – Better Enviroment in our Local Urban Spaces'.

28.8.26 Imejl mill-Gvern Lokali dwar l-opportunita' Climate Action Awards. Din l-inizjattiva għanda l-iskop li tkun ta' katalist biex tinkoraġġixxi u tinspira biex tittieħed azzjoni biex jitnaqqsu l-emmisjonijiet fl-arja.

28.8.27 Imejl mingħand is-Sur Joseph Vella, Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Festa ta' San Ġwann Battista, fejn talab għas-sostenn tal-Kunsill Lokali fl-attivitajiet li ser jittellgħu fl-okkażjoni tal-Festa tal-Martirju ta' San Ġwann, fosthom Programm Mużikali mis-Soċjeta' Filarmonika Prekursur il-Ħadd 29 ta' Awwissu.

28.8.28 Imejl mingħand Dr Marlene Cini, Segretarja tal-Kumitat għall-ismijiet tat-Toroq għal Għawdex, dwar Trejqet ta' Kraba u Triq Ġużep Vella.

28.8.29 Imejl mingħans is-Sur Laurie Zammit mill-KIP Gozo, fejn avża lill-Kunsill biex fil-ġbir tar-riċiklaġġ ta' nhar ta' Tlieta tinġabar biss il-borża griża/ħadra.

28.8.30 Komunikat lill-Kunsilli Lokali minn TM dwar awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni ta' sinjali ta' parkeġġi. TM qed tawtorizza lill-Kunsilli Lokali biex ikunu jistgħu jagħmlu sinjali ta' parkeġġi bojod, sinjali mal-ġnub tal-garaxxijiet, u sinjali sofor mal-kantunieri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita'.

28.8.31 Ċirkulari AKL 2021/075 – European week of sport. SportMalta tistieden lill-Kunsilli Lokali biex ikunu parti mill-European week of sport.

28.8.32 Imejl mis-Sur Samuel Azzopardi, President ta' Reġjun Għawdex dwar laqgħa kordjali bejnu, l-Ministru għal Għawdex, is-Segretarju Permanenti u c-Chief of Staff dwar il-Fondazzjoni Gozo Capital for Culture.

28.8.33 Ċirkulari AKL 2021/076 – Korrispondenza mibgħuta mis-Sa Stephanie Spiteri lill-Kunsilli Reġjonali/Lokali għal min hu mħajjar jibbukja slot waqt il-programm "Illum ma Steph".

28.8.34 Ċirkulari AKL 2021/077 – Bajjiet li fihom wieħed jista jieħu annimali domestiċi jgħumu.

28.8.35Talba mis-Sa Mary Jane Xuereb għal Un/Loading Bay quddiem l-istudio tagħha li jinsab fi Triq Ħamsin. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tgħaddi minnufih lill-Transport Malta.

28.8.36 Talba mis-Sur Christopher Cassar għall-mera faċċata tad-dar fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb ittra mingħand is-sid tal-faċċatta li mhux qed isib oġezzjoni li titwaħħal mera mal-faċċata tiegħu.

28.8.37 Talba biex isiru sinjali tat-traffiku jew tabelli f'salib it-toroq li hemm fi Triq Sansun peress li l-karozzi qed jipparkjaw fil-kantuniera u qed tinħoloq problema. Il-Kunsill iddiskutta l-problema ta' parkeġġ bl-addoċċ u nuqqas ta' assistenza min-naħa tal-pulizija u Lesa.

28.8.38 Talba mingħand Dr Christiene Ellul biex isiru sinjali sofor qrib il-kantunieri tal-isqaq numru 1 Triq tal-Ħamrija peress li ġieli qed jipparkjaw karozzi u jimblukkaw is-sqaq. I

28.8.39 Rapport dwar parti mit-triq Manwala li niżlet l-isfel. Din ġiet diskussha aktar kmieni fil-laqgħa.

28.8.41Talba mis-Sur Christian Ciappara għal double yellow line faċċata tal-garage fi Triq Sansun peress li mhux qed ikun jista joħroġ bil-karozza meta jipparkjawlu vetturi faċċata.

**28.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

25.14.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li



mg

13

kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**28.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

28.10.1 Il-laqgħa ntemmet 7.37pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Settembru 2021

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv